MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1062/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**

**KONTRA**

**NICHOLAS PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicholas Portelli ta’ 25 sena, bin Francis u Susan nee’ Naylor, imwieled Pieta, nhar it- 28 ta’ Dicembru 1983, residenti fil- fond Flat 28, Samartes Court, Triq il-Hgejjeg San Pawl il- Bahar, u detentur tal- karta tal- identita’ bin-numru 082584 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 2 ta’ Dicembru 2006, ghall- habta tal-05.00am waqt li kien qieghed isuq vettura GAF 543 tal-ghamla Subaru GLF 5, fi Triq Andrea Debono, Naxxar u f’ inhawi ohra fil- Gzejjer Maltin:
1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Kevin Azzopardi li ghandu numru tal-identita’ 220578(M) u dan skond kif iccertifika Dr. Dennis Mallia MD mill- Isptar San Luqa u griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Marita Borg li ghandha numru tal- karta tal- identita’ 147781 (M) u dan skond kif iccertifika Dr. Dennis Mallia MD tal- Isptar San Luqa;

2) u aktar talli saq b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluz, meta habat ma’ vettura GAF 543 tal- marka Toyota u ikkawza hsara involontarja fuq l- istess vettura.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-proces verbal rigward il-kaz, wara li l-Qorti kienet ikkonfermat il-hatra tal-esperti kollha fl-istess inkjesta;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti tal-proces verbal irrisulta li kien hemm incident stradali serju hafna fid-data u l-hin indikata, u l-istess esperti fl-inkjesta indikaw responsabbilta’ tal-imputat ghal

dan l-incident. Mill-istess atti jirrisulta ukoll li wegghu tlieta min-nies, fosthom l-imputat stess, li di fatti gie iccertifikat li kien fil-perikolu li jitlef hajtu hekk kif iddahhal l-isptar. B’xorti tajba hu baqa’ haj, u hadd aktar ma sofra danni ohra permanenti jew konsegwenzi serji jew gravi. In vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fl-istess imputat u tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Il-Qorti giet infurmata li l-imputat ha taghlima konsiderevoli minn dan l-incident. Inoltre l-fedina penali tieghu hi wahda netta ghal kollox u ghadu ta’ eta’ tenera u m’ghandux imgieba refrattarja li timmerita sorveljanza. Anzi, dan kien incident ta’ darba, u allura ma hemmx il-htiega ta’ piena li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna jew li tqieghed lill-imputat taht sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation. F’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm piena pekunjarja ta’ multa ai termini tal-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 226 u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qort qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elfejn Ewro (€ 2,000)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------